**MINUTI**

**Laqgha tal-Kunsill Lokali l-Gharb**

**Laqgha Nru. 11**

**Data: 26 ta' Marzu, 2020**

**Hin: 8.10am**

**Post:** Ko-ordinata mill-Ufficcju Amministrattiv, Kunsill Lokali l-Gharb permezz tas-sistema Teams

---

**Il-laqgha bdiet b'dawn il-membri prezenti:-**

| | |
|---|---|
| *David Apap Agius* | *Sindku* |
| *Louis Apap* | *Vici Sindku* |
| *Tonio Mifsud* | *Kunsillier* |
| *Joseph Mizzi* | *Kunsillier* |
| *Miriam Borg* | *Kunsillier* |
| *Emily Amatulli-Depasquale* | *Segretarju Ezekuttiv* |

---

11.1 Qari tal-ittri ta' apologiji;

11.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

11.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

11.4 Twegibiet ghall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

11.5 Korrispondenza u Rapporti;

11.6 COVID - 19;

11.7 Materji ohra;

11.8 Skeda ta' Pagamenti;

**IFFIRMATA**
David Apap Agius
Sindku

**IFFIRMATA**
Emily Amatulli-Depasquale
Segretarju Ezekuttiv

11.12 Tmiem tal-laqgha u data tas-seduta li jmiss.

---

**11.1 Qari tal-ittri ta' apologiji**

11.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apologiji

**11.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

11.2.1 Joseph Mizzi talab li ssir korrezzjoni fuq il-minuti fuq punt 11.2 fejn qal li huwa qed jafferma li ma ha qatt ebda inizjattiva u decizjoni f'isem il-Kunsill. Is-Sindku qal li fl-opinjoni tieghu kellu jigbed l-attenzjoni u jaghmilha cara peress li diga gibed l-attenzjoni darb'ohra. Talab l-opinjoni tal-Kunsilliera u kien hemm qbil li ma kienx hemm bzonn ta' bdil fil-minuti. Il-Kunsill qabel li l-minuti m'ghandhomx jinbidlu.

11.2.2 Il-minuti gew approvati bhala dokument korrett.

**11.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

11.3.1 Is-Sindku spjega li minhabba s-sitwazzjoni tal-Covid-19, il-laqgha tal-Kunsill b'approvazzjoni tad-Dipartiment kellha ssir permezz ta' Sistema 'Teams' online sabiex jigi salvagardjat is-sahha ta' kulhadd. Huwa rringrazzja lill-membri kollha tal-koperazzjoni sabiex issir din il-laqgha.

11.3.2 Is-Sindku spjega li l-attivitajiet li kellu ppjanati l-Kunsill ser jigu kkancellati sakemma ma' tinharigx direttiva ohra. Sadanittant is-Sindku qal li kellu komunikat ma' l-ambaxxatur taz-zghazagh fejn l-ideja li kienet giet diskussa waqt il-Kunsill ghal mixja f'Hadd il-Palm. Hu qal li dawn kienu interessati u raw possibilita' ukoll li jsir 'camping' fejn San Dimitri pero' minhabba s-sitwazzjoni attwali kienet ser tigi posposta ghal data ohra. Marbuta ma' din l-attivita' l-attivita' ta' l-Infiorata tal-melh ukoll ser tigi ikkancellata u skond il-kaz tista' tkun posposta. Saret diskussjoni ukoll dwar l-Infiorata tal-festa fejn gie innotat li l-Isqfijiet kienu kkomunikaw li l-festi ser jigu kkancellati. Il-Kunsill iddecieda li ser jara kif ser tkun is-sitwazzjoni u jerga' jiddiskuti aktar 'il quddiem.

11.3.3 Is-Sindku informa lill-membri li l-harga li kien hemm ippjanata ghall-anzjani kellha tigi kkancellata ukoll minhabba s-sitwazzjoni kurrenti.

11.3.4 Is-Sindku spjega li x-xogholijiet ta' Triq il-Madonna tal-Virtu' kienu ghaddejjin sabiex fil-jiem li gejjin ikun jista' jinghata l-ahhar wicc tat-tarmak lil din it-triq.

11.3.5 Fir-rigward tas-sejha ghal skrivan/a fuq bazi full-time, is-Sindku spjega li kienet saret is-sejha interna fejn l-iskrivan tal-Kunsill kien tefa' l-applikazzjoni tieghu. Din l-applikazzjoni giet milqugha u l-Kunsill qabel unanimament li din ghandha tigi accettata fejn l-iskrivan jigi mpjegat fuq bazi full-time.

**11.4 Twegibiet ghall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

11.4.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet mill-Kunsilliera.

**11.5 Korrispondenza u Rapporti**

11.5.1 Gew trattati s-segwenti applikazzjonijiet ghal permess ta' zvilupp min-naha tal-Awtorita' ta' l-Ippjanar: PA559/20, PA1587/20, PA1606/20, PA1485/20, PA1512/20. Is-Sindku ssugerixxa li ladarba l-Kunsill ma jkollux ogezzjonijiet fuq xi wiehed / wahda minn dawn l-applikazzjonijiet ghandu jibda' jibghat email lill-Awtorita' li juri li m'ghandux ogezzjoni u fl-istess waqt ghandha ssir nota sabiex fejn ikun hemm twaqqif ta' bini ghandhom jittiehdu l-prekawzzjonijiet kollha mehtiega fir-rigward ta' sigurta'. Il-Kunsill qabel ma' dan is-suggeriment.

**11.6 COVID – 19**

11.6.1 Is-Sindku qal li minn gurnata ghal ohra l-Gvern qieghed ihabbar is-sitwazzjoni u mizuri li qeghdin jittiehu minhabba l-marda tal-Covid-19 u ghaldaqstant bhala Kunsill ghandna nkunu ppreparati ghal kull eventwalita'. Huwa spjega li l-Kunsill kien gie mitlub sabiex il-librerija tinzamm maghluqa kif sar ukoll fil-berga tas-Sahha.

11.6.2 Gie innotat ukoll li l-awtoritajiet tas-sahha qeghdin jinsistu sabiex ma jkunx hemm numru ta' persuni flimkien fi grupp wiehed. Is-Sindku ssugerixxa li sabiex nghinu f'din il-ghajta ta' l-awtoritajiet il-Kunsill ghandu jghalaq il-playing fields. Il-Kunsill qabel ma' dan is-suggeriment u ddecieda li ghandhom jitpoggew barriers b'noti fuqhom.

11.6.3 Fuq l-istess kuncett gew diskussi ukoll il-telephone boxes tal-lokalita' li jintuzaw mill-pubbliku fejn jidher li dawn aktar jintuzaw mill-barrabin. Is-Sindku ssugerixxa li dawn ghandhom jew jinghalqu jew jigu disinfettati minn zmien ghal zmien flimkien mall-bankijiet tal-pjazza, bus shelters u latrini pubblici. Ma' dan is-Sindku qal li bhala latrina jekk il-Kunsill jaqbel li jinghalaq huwa ssugerixxa li tinghalaq dik ta' fejn il-playing field filwaqt li ghal-latrina pubblika ta' wara l-knisja nistghu nigbdu l-attenzjoni tal-cleaner sabiex juza disinfettant u tinhasel iktar ta' spiss. Giet diskussa ukoll il-latrina pubblika ta' Ta' Pinu fejn gie innotat li l-persuni f'din iz-zona naqas b'mod drastiku u ghaldaqstant m'hemmx tant uzu. Tonio Mifsud qal li bhala telephone box ghandhom jibqghu miftuhin sabiex jekk ikun hemm emergenza wiehed jista' juza' dan is-servizz. Il-Kunsill qabel li t-telephone boxes m'ghandhomx jinghalqu fil-prezent imma l-Kunsill ghandu jiehu hsieb li dawn jigu disinfettati.

Fir-rigward tat-tindif tal-lokalita' Tonio Mifsud qal li huwa jaqbel li ghandha tinhasel il-lokalita' fejn huwa spjega li dan il-hasil qed isir bl-uzu tal-kloru. Is-Sindku qal li x-xoghol ta' hasil ghandu jsir b'attenzjoni u prudenza ghar-raguni li l-Kunsill m'ghandhux jallarma lin-nies u ghaldaqstant is-Sindku qal li bhala

Kunsill ghandu jitlob il-parir u l-ghajnuna ta' l-awtoritajiet tas-sahha u l-Ministeru ghal Ghawdex. Il-Kunsill qabel li ghandhom jigu kkuntatjati l-awtoritajiet imsemmija u nimxu skond id-direzzjoni taghhom. Il-Kunsill qabel li f' kull cirkustanza s-Sindku huwa awtorizzat jiddeciedi skond il-bzonn u fl-opinjoni tieghu minghajr bzonn li jsejjah laqgha tal-Kunsill sabiex jittiehdu l-mizuri necessarji mill-ewel u f'waqthom.

11.6.4 Fir-rigward tal-haddiema ta' l-ufficju gie spjegat li bhalissa m'hemmx direttivi li l-Kunsill ghandu jinzamm maghluq u jrid jibqa' miftuh ghar-residenti. Is-Sindku qal li l-istaff qeghdin jahdmu 'skelton staff' fejn min jidhol filghodu u ohrajn jidhlu wara nofsinhar. Il-Kunsill qabel li ghandhom jigu protetti l-haddiema u li jittiehdu l-proceduri necessarji sabiex jigu salvagwardjati.

Huwa zied jghid li f'din is-sitwazzjoni n-nies naqsu drastikament u qeghdin jittiehdu mizuri sabiex kemm jista' jkun hlasijiet isiru online u tinzamm id-distanza. Fuq dan il-punt is-Sindku ssugerixxa li sabiex tigi salvagwardjata s-sahha ta' l-impjegati tal-Kunsill ghandu japplika ghal servizz ta' pagamenti permezz ta' cards EPOS. Il-Kunsill qabel unanaimament ma' dan is-suggeriment.

Is-Sindku qal ukoll li l-Ministeru tal-Kunsilil ser ikun qed jipprovdi lill-Kunsill b'perspex ghar-reception. Is-Sindku qal li jekk din il-perspex ma' tkunx bizzejjed ghandha tigi ordnata wahda apposta ghar-reception tal-Kunsill. Huwa qal li d-Direttur tal-Gvern Lokali kien diga ta struzzjonijiet li f'dawn il-kazi ta' urgenza l-Kunsill jista' jiehu l-mizuri necessarji minghajr bzonn li tissejjah laqgha.

11.6.5 Is-Sindku qal li fil-granet li ghaddew kienet giet imnedija pjattaforma min-naha ta' l-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali biex tkun ta' ghajnuna ghar-residenti f'dawn il-granet. Il-link ta' din il-pjattaforma kienet intbghatet lill-Kunsill biex ikun jista' ixerridha. Is-Sindku ssugerixxa li din tintuza bhala kunsill mhux individwalment biex naghtu tama u kuragg lir-residenti u tkun mezz ta' kif inzommu messagg pozitivi u mhux affarijiet negative. Joseph Mizzi staqsa min jaghmel id-dizinni tal-posters fejn gie spjegat li dan isir mill-istamperija li tintuza normalment mill-Kunsill. Joseph Mizzi ssugerixxa sabiex issir 'collage' bit-tpingijiet tat-tfal. Fuq din in-nota s-Sindku ssugerixxa li dan il-poster ghandu jinbidel minn zmien ghal zmien u l-hsieb hu li jintuzaw il-posters u crafts li qed jaghmlu t-tfal f'djarhom. Is-Sindku talab lil kulhadd sabiex min ikollu xi ideja jghaddiha lill-Kunsill. Il-Kunsill kompla jiddiskuta u qabel li dan ghandu jkompli jsir sabiex tinzamm il-pozitivita' mar-residenti.

11.6.6 Is-Sindku qal li tkun ideja tajba li tinzamm pozitivita' mar-residenti u ghaldaqstant huwa ssugerixxa sabiex persuna pozitivita' mil-lokalita' tghin lir-residenti billi tikkomunika maghhom permezz tat-telephone 'at random' u taghtihom l-assistenza. Giet diskussa din il-materja fejn gie innotat li mhumiex hafna residenti li juzaw l-internet u ghal daqstant huwa ssugerixxa li jitqassam

leaflet b'informazzjoni in-nies fejn dan jitqassam permezz tal-posta u mhux bil-haddiema tal-Kunsill. Gie diskuss dan il-leaflet dwar x'informazzjoni jista' jkun fih u l-Kunsill qabel li ghandu jigi stampat fejn jinkludi fih fost ohrajn anke is-servizzi ta' delivery li qed isiru fil-lokalita'. Il-Kunsill qabel ukoll li dan ghandu jitqassam bil-posta.

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kienet giet installata linja ghall-internet gewwa l-Knisja sabiex f'din is-sitwazzjoni tkun tista' tigi trasmessa l-quddiesa. Gie innotat li pero' sfortuntament mhumiex hafna li qeghdin juzaw dan is-servizz.

11.6.7 Is-Sindku stieden lill-membri sabiex jekk jaraw xi residenti li ghandhom bzonn ta' ghajnuna ghandhom jikkuntatjaw lill-Kunsill sabiex ttiehed l-azzjoni mehtiega minghajr ma wiehed joqghod jistenna laqgha tal-Kunsill.

**11.7 Materji ohra**

11.7.1 Is-Sindku qal li huwa kien hassar it-tqassim tal-figolli ta' l-ghid lit-tfal bhal ma jsir ta' kull sena minhabba is-sitwazzjoni. Huwa ssugerixxa li iktar 'il quddiem ikun jista' jsir xi haga sabiex inzommu kuntatt mar-residenti. Il-Kunsill qabel mad-decizjoni mehuda mis-Sindku fir-rigward tal-figolli ta' l-Ghid.

**11.8 Skeda ta' Pagamenti**

11.8.1 Tonio Mifsud staqsa s-segwenti fir-rigward ta' l-iskeda tal-pagamenti:

Ghal xiex huwa l-hlas lil William Sultana. Is-Sindku spejga li dan kien approvat fl-laqghat precedenti li s-servizzi tieghu huma relatati mall-hrug u evalwazzjoni ta' l-offerti' u interviews.

Mistoqsija ohra kienet fuq il-kontijiet ta' PCG Enterprises fejn gie spjegat li dawn huma diversi servizzi relatati mat-Transport.

Staqsa ukoll dwar il-kont ta' Platinum Travel. Gie spjegat li dan kien diga approvat fl-laqgha precedentament li membri mill-istaff kien ser jattendu ghal progett li kellu jsir gewwa Franza pero' dan kien gie ikkancellat.

11.8.2 L-Iskeda tal-Pagamenti giet approvat unanimament mill-Kunsill.

**11.9 Tmiem tal-laqgha u data tas-seduta li jmiss**

11.9.1 Il-laqgha li jmiss ser tinzamm nhar il-Hamis, 24 ta' April, 2020 fl-10AM.

10.12.2 Il-laqgha spiccat fid-9.08am.

**IFFIRMATA**
David Apap Agius
Sindku

**IFFIRMATA**
Emily Amatulli-Depasquale
Segretarju Ezekuttiv

Konfermati minn

**IFFIRMATA**
David Apap Agius
Sindku

**IFFIRMATA**
Emily Amatulli-Depasquale
Segretarju Ezekuttiv